2 ta' April, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Victor Dugo Sammut

**Attendenza Skolastika — "Lawful Excuse" — Prova — Ordinanza II ta' l-1946 kif emendata bl-art. 5 (a) ta' l-Ordinanza XXXV ta' l-1947.**

*Il-"lawful excuse" li teżenta lill-missier milli jibgħat l-ulied-u l-iskola għandha tkun inerenti għat-tifel, bħal f'każ ta' mard tat-tifel, u mhux inerenti esklużivament għall-missier.*

*Imma biex ikun hemm lok għal prosekuzzjoni tal-ġenituri quddiem il-Qorti għal din il-kontravvenzjoni, hemm bżonn indispensabbilment ta' żewġ preliminari, u cjoè (1) illi d-Direttur ta' l-Edukazzjoni jkun bagħat in-"notice in writing" preskritt mill-liġi, u (2) ir-rikjesta tad-Direttur lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipproċedi.*

*Il-prova ta' dawn iż-żewġ preliminari għandha ssir bil-produzzjoni ta' kopja tan-"notice" u ta' kopja tar-rikjesta lill-Kummissarju.*

*Il-proċediment mingħajr il-prova ta' l-osservanza ta' dik il-proċedura preliminari huwa irritu.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fil-21 ta' Jannar 1948, li biha l-imsemmi Sammut ġie liberat mill-imputazzjoni li naqas li jibgħat it-tifla tiegħu Daisy regolari l-iskola ma' tul ix-xahar ta' Ottubru 1947;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella minn din is-sentenza;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi deher...........;

L-appellant qal li ma bagħathiex għaliex hu għandu familja numeruża, u l-mezzi tiegħu ma jippermettulux li jixtrilha ħwejjeġ biex jibgħatha l-iskola;

Kif sewwa ssottomettiet il-Prosekuzzjoni, il-"lawful excuse" imsemmija mill-liġi għandha tkun inerenti għat-tifel (bħal każ ta' mard) u mhux inerenti esklużivament għall-missier;

L-ipotesi tal-liġi giet għalhekk enunċjata ħażin mill-Maġistrat, u hemm lok għall-appell fuq pont tal-liġi mill-parti ta' l-Attorney General;

Fil-meritu, però, għandu jiġi osservat li skond il-liġi (art. 5A, miżjud bl-Ordinanza XXXV ta' l-1947 għall-Ordinanza II ta' l-1946) hemm żewġ preliminari indispensabili sabiex jista' jkun hemm lok għal prosekuzzjoni tal-ġenitur quddiem il-qrati, (1) illi d-Direttur ta' l-Edukazzjoni jkun bagħat ir-"notice in writing" preskritt fit-tieni subartikolu ta' l-art. 5A., u (2) ir-rikjesta tad-Direttur lill-Kummissarju biex jipproċedi, skond l-istess dispożizzjoni ċitata. Din ta' l-aħħar hija speċi ta' kwerela neċessarja biex tibda l-prosekuzzjoni;

Issa l-prova taż-żewġ elementi ma saretx, u kien imissha saret fl-ewwel istanza bil-produzzjoni ta' kopja tan-"notice" u ta' kopja tar-rikjesta lill-Kummissarju. Dan ma sarx. Għal-hekk il-proċeduri, bla prova ta' l-osservanza ta' dik il-proċedura preliminari, huma irriti;

Konsegwentement tiddeċidi billi tiddikjara improċedibili ċ-ċitazzjoni fin-nuqqas ta' dik il-prova; u f'dan is-sens tirrespingi l-appell u tħalli ferma l-liberatorja ta' l-imputat.